**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum,** 10 ta' Lulju, 2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**-vs-**

**Anthony Theuma detentur tal-karta tal-identità numru 422369M.**

*Kumpilazzjoni Nru: 379/2023*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Anthony Theuma** u ċioe' talli:

> Fid-29 ta' Novembru 2021, għall-ħabta tal-għaxra nieqes kwart ta' filgħodu )9:45) minn Triq Marjanu Gerada Tarxien:
>
> Ikkommetta serq ta' cables u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema ammont ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euru u sebgħa u tletin ċenteżmu (2, 329.37) u dan għad-detriment ta' Carlo Caruana u/jew persuni oħra.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba tittratta mal-imputat bħala reċediv ai termini tal-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum l-imputat ammetta għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti dejjem osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li huwa ħati għal imputazzjonijiet li nġabu fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu kif ammessa minnu.

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni tal-ammissjoni bikrija ferm tiegħu, tal-fedina penali xejn sabiħa tiegħu u taċ-ċirkostanzi tal-każ fejn l-imputat mal-ewwel darba kif mitkellem mill-pulizija, irritorna r-*res furtiva* kollha.

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c), 267, 279(a) u 289 tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur millum.

Il-qorti spjegat lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li jekk jonqos li jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**